Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9007 — Porsche/Schuler/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 270/05)

1. Fil-25 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG ("Porsche", il-Ġermanja), li tappartjeni għall-grupp Volkswagen,

— Schuler AG ("Schuler", il-Ġermanja), li tappartjeni għall-grupp Andritz,

— impriża konġunta (joint venture, JV) li għadha kif inħolqot ("il-JV", il-Ġermanja).

Porsche u Schuler jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Porsche: manifattur Ġermaniż tal-karozzi li jtappartjeni għall-grupp Volkswagen. Din tal-aħħar hija attiva mad-dinja kollha fil-manifattura u l-provvista ta' vetturi bil-mutur u l-komponenti tagħhom, kif ukoll fis-servizzi tal-finanzjament u l-assigurazzjoni relatati;

— Schuler: attiva fit-teknoloġija tal-formazzjoni u toffri preses, soluzzjonijiet tal-awtomatizzazzjoni, għodod, għarfien u servizzi madwar id-dinja kollha lill-in dustrija tal-metall u tal-karozzi;

— il-JV: se tibni u tħaddem impjant tal-pressa tal-metall fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.9007 — Porsche/Schuler/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.